MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1107/2005

**Frank Borda Limited – C446**

**Vs**

**Anthony Caruana I.D. 68958(M) u**
**Anna Caruana I.D. 171759(M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ erba’ mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm495) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ikbar ta’ merkanzija mibjugha u supplita lilhom mis-socjeta’ attrici.
Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fid-19 t’Ottubru, 2005 li biha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha ghal

tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm355) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Ra illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap.12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-19 t'Ottubru, 2005, meta gewipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm355) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------